Minuti tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (KLR) tal-laqgħa numru tnejn u tletin (32) li nżammet nhar l-Erbgħa, 7 ta' Ottubru, 2026 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 8, Triq l-Isptar, ir-Rabat.

Preżenti:

Is-Sur Sandro Craus	Sindku
Is-Sur Matthew Chetcuti	Viċi Sindku
Is-Sa Charmaine Balzan	Kunsillier
Is-Sa Graziella Brincat	Kunsillier
Is-Sur Paul Grech	Kunsillier
Is-Sur Norbert Grech	Kunsillier
Is-Sur Rudolph Grima	Kunsillier
Is-Sur Janice Busuttil	Kunsillier
Is-Sur Anthony Bonello	Segretarju Eżekuttiv (SE)

Skużat:

Is-Sur Terence Tanti	Kunsillier

Uffiċjali:

Vince Zammit	Kittieb

32.01	**Qari tal-ittri ta' Apoloġija** Ma kienx hemm. Is-Sur Terence Sant kien avżana fil-laqgħa preċedenti li ma jistax jattendi u għaldaqstant kien skużat. Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus.	Presedenza u apoloġiji
32.02	**Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti numru wieħed u tletin (31)** Il-Minuti tal-laqgħa numru wieħed u tletin kienu meħuda b'moqrija, approvati unanimament u ffirmati wara li kienu mressqa għal vot mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u ssekondati mis-Sur Paul Grech.	Minuti
	Punti mill-minuti	
*	Il-kors tal AI for All inżamm kif kien ippjanat propju f'din l-istess kamra fejn qed jiltaqa' l-Kunsill	AI for all

**	L-applikazzjoni tal-ġemellaġġ ma' Solarino saret wara li xtaqna li jidħlu magħna L'Isle Adam fi Franza u ma rnexxielniex. Din l-applikazzjoni saret mis-SEM u issa obbligati (jekk nikkwalifikaw għal fondi) li fir-Rabat Sacrum 2027 inġibu 15-il persuna minn Solarino, Sqallija, fostna u nagħmlu programm ta' laqgħat magħhom.	Ġemellaġġ
32.03	**Skeda tal-Pagamenti numru tliet mija u sitta u tmenin (386)** L-iskeda tal-pagamenti numru 386, kienet approvata unanimament wara li kienet imressqa għall-vot u wkoll issekondata mis-Sinjuri kunsillieri li ffirmaw fuqha.	SOP386
32.04	**Skeda tax-Xiri ta' oġġetti, servizzi u xogħlijiet numru mija u tlieta (103)** L-iskeda tax-xiri ta' oġġetti, servizzi u xogħlijiet numru 103 kienet approvata unanimament wara li din tressqet għall-vot u kienet issekondata mis-Sinjuri kunsillieri li ffirmaw fuqha.	PO/WO 103
*	Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus stieden lis-Sur Vincent Zammit sabiex jagħti espożizzjoni ta' dak kollu li kien imqabbad jagħmel dwar il-pubblikazzjoni ta' diversi kotba fuq ir-Rabat. L-ewwel beda l-ispjega tiegħu dwar il-ktieb, Dawra man-nannu li hu ktieb dwar l-istorja tar-Rabat intenzjonat għat-tfal. Is-Sur Zammit spjega li dan il-ktieb hu lest biex ikun ippublikat. Wara s-Sur Zammit spjega d-diversi kotba storiċi li hemm il-ħsieb jippubblika l-Kunsill fix-xhur li ġejjin. Hu spjega li l-ktieb fuq iż-żona ta' San Franġisk lest bħala kitba u issa jonqos li jibdew jittieħdu r-ritratti. Hu propona u hawn il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill għandu jippubblika ktieb għal kull zona. Wara dik ta' San Frangisk wiehed jista jippublika z-zona ta' Santu Wistin, z-zona Ta' Ġieżu, ż-żona ta' San Duminku, iz-zona tal-Parroċċa u z-zona tal-Baħrija u l-Madwar. Wara diskussjoni li saret, is-Sur Zammit qal li din il-kullana ta' kotba tista tiġi ppreżentata bħala sett wieħed li jinkludi z-zoni kollha tar-Rabat. Il-kunsilliera preżenti dehru sodisfatti b'din il-preżentazzjoni u qablu unanimament li dan il-proġett għandu jitkompla. 5:50pm sas-6.25pm.	Stejjer kulturali
32.05	**Post Mortem - Rabat Sacrum 2026** Is-Sur Rudolph Grima tkellem dwar il-kanċellament tal-attivitajiet tar-Rabat Sacrum li kellhom jitħassru minħabba l-maltemp. Hu qal li stennejna sal-4.30pm biex kienu mħassra dawn l-attivitajiet kollha minkejja li kien hemm l-armar diġa' f'postu bħal palkijiet, dwal u sound armati. Hu qal li l-Maltin kif jaraw ftit xita, għandhom it-tendenza li jibqgħu id-dar anke jekk din tkun ftit wisq u l-attivitajiet ma kienux se jkunu segwiti mil-pubbliku. Kien hemm pero' min kien laħaq qata' t-*ticket* ta' *Heritage Malta* biex jidħol per eżempju fid-*Domus Rumana* u l-Katakombi ta' San Pawl u għaldaqstant kien se jitlef il-ħlas u ma ħasibhiex darbtejn biex ġie xorta għal dan l-avveniment. Sadanittant, il-kumitat iddeċieda min ħaqqu l-ħlas u min le. Is-Sur Matthew Chetcuti talab biex nagħtu każ tal-assikurazzjoni li kienet saret biex ma jintilfux il-fondi.	Rabat Sacrum

32.06 **Ħsara fuq vettura fi Vjal il-Ħaddiem**

Ħsara fuq vettura fi Vjal il-Ħaddiem

Din it-talba saret mil-Pulizija permezz ta' e-mail. Il-Pulizija qed jikkwotaw rapport li mhux aċċessibbli minn dan il-Kunsill u lanqas biss nafu jekk il-Pulizija humiex xhieda ta' dawn il-ħsarat li seħħew fi Vjal il-Ħaddiem. Il-korrispondenza tal-Pulizija kienet esebita fuq l-iscreen lill-kunsillieri. Il-Kunsill iddeċieda li bħal kull każ ieħor, sakemm m'hemmx prova li xi ħadd minnhom kien xhud tal-aċċident, ma joħroġx ir-rimbors.

32.07 **Attivitajiet tal-Milied**

Attivitajiet tal-Milied

Bħalma kien deċiż sa mill-applikazzjoni li saret lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, l-attività ewlenija tal-Kunsill għall-Milied hija dik tat-8 ta' Diċembru, 2026 fl-Iskola Medja fejn din se tkun organizzata minn Sander Agius u l-grupp tiegħu. Diġa' bdejna bl-applikazzjoni mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Propju sa ftit ħin qabel il-laqgħa inżammet laqgħa preparatorja dwar dan l-avveniment mal-istaff mis-Sa Charmaine Balzan fen ukoll kien diskuss it-Train Ride tal-Baħrija għat-tfal. Ma' kienx hemm qbil fuq id-data tat-18 ta' Diċembru, 2026 li ppropona ir-rettur tal-Knisja tal-Baħrija għaliex hemm min mhux se jkun jista' jattendi.

Lifelong Learning

Propju f'dan il-punt, is-SE informa lis-Sindku u lill-kunsillieri li qed niġu mitluba nħallsu €850 biex isir il-kors fl-Iskola Primarja, tal-Creative Knitting tal-Lifelong Learning. Dan wara li nżammet l-ewwel lezzjoni nhar it-Tnejn, 5 ta' Ottubru, 2026. Kien deċiż li din ma titħallasx għaliex nafu li fl-iskola jkun hemm il-Watchman li jista' jieħu ħsieb huwa stess u fil-każ li dawn ma jkunux aktar aċċettati, l-Kunsill lest li jkompli b'dawn il-lezzjonijiet fis-sala tiegħu stess.

32.08 **Immaniġġjar tat-Traffiku**

Imwejjed u siġġijiet u permessi tal-PA, MTA, Lands

Is-suġġett kellu jkun it-tqegħid tal-imwejjed u siġġijiet mill-istabbilimenti privati u talbiet simili u kif dan jaffettwa it-traffiku, parkeġġi eċċ. Fuq kollox biex wieħed ikollu linja fuq x'hiex għandu joġġezzjoni fil-futur fid-dawl tal-fatti li se jkompli jkun hawn insistenza biex joħorġu dawn il-permess. Il-KLR sejjaħ laqgħa addizzjonali nhar l-Erbgħa, 30 ta' Settembru, 2026 biex ġie diskuss dan kollu fejn is-SE ħa l-minuti ta' din l-istess laqgħa li se jiċċirkulahom. Kien deċiż illi nagħmlu talba biex nitkellmu ma' l-Awtorità tal-Ippjanar, l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu u d-Dipartiment tal-Artijiet biex talbiet bħal dawn ikunu trattati b'serjetà kbira fid-dawl tal-fatt li r-Rabat qed isir dejjem aktar popolari u allura qed isiru aktar applikazzjonijiet biex jew jinfetħu restoranti, jew ħwienet jew boutique hotels / guest houses. Dan jista jwassal biex r-residenti ma jkollomx triq oħra għajr li jitilqu djarhom u jmorru joqgħodu x'imkien ieħor 'l barra miċ-ċentru. L-inkwiet tagħna huma l-ODZ, il-UCA, il-Commercial Outlets u t-terms of references tagħhom. Is-Sur Rudolph Grima qal li hemm xniehat li l-ħanut il-kbir li hemm fi Triq San Pawl kantuniera ma' Wesgħet il-Mużew, se jkun qed jakkomoda l-MZ Investments u wkoll fuqu Mc Donalds. Dan se jirrovina aktar id-daħla tal-Imdina u fuq kollox ir-Rabat. Il-Kunsill ippropona li dawn l-applikazzjonijiet irid jarahom xi ħadd ħalli nkunu fil-ħin biex noġġezzjonaw għalihom. Dan jista' jkun perit jew inkella ħaddiem ieħor

li jaħdem fil-Kunsill li jirreferihom mill-ewwel biex ikun deċiż fuq liema kriterji se noġġezzjonaw. Is-SE propona li l-ewwel nippruvaw ħaddiem tal-Kunsill biex jara dawn l-applikazzjonijiet u f'każ li ma nkunux kuntenti nqabdu lil perit li jista jirbaħ t-tender li bħalissa jinsab barra għall-interess publiku. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

32.09 **Proġett tal-Pjazza**

Proġett tal-Pjazza tal-Parroċċa

Is-SE esebixxa l-block plan minn fuq it-e-tenders li ħareġ il-Kunsill li turi l-parti tal-Pjazza tal-Parroċċa. Hawn is-SE u s-Sindku spjegaw għal darb' oħra l-proġett fejn qalu li fejn illum hemm iz-zebra crossing ser jiġi pavimentat u fejn hemm il-parkeġġi tal-karozzi dawn ser isiru soft areas fejn ser jitħawlu tliet sigriet fuq kull naħa. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal li hija l-intenzjoni tagħna li kull min ikun ġej minn Triq San Pawl jibqa' sejjer lejn Triq Santa Rita u kull min ikun ġej minn Triq il-Kulleġġ jibqa' sejjer lejn Pjazza San Katald. Dan ser inaqqas il-konġestjoni tat-traffiku li jkun hemm quddiem il-Bażilika u żgur li ser inaqqas l-ammont ta' karozzi li jgħaddu mil-pjazza. Is-Sindku spjega wkoll li ser jinbidlu l-pots tal-pjanti u ser isiru oħrajn isbaħ u li jixirqu għall-pjazza.

32.10 Punti Oħra

32.10.01 Is-Sa Janice Busuttil semmiet il-proposta tagħha tal-Kalendarju Wiċċ ir-Rabat. Hija spjegat fid-dettall dwar nomini li jsiru mill-pubbliku dwar koppji u snajjiet li jistgħu iqajmu nteress u jengejġjaw aktar il-komunità tagħna b'din l-inizjattiva.

Kalendarju Wiċċ ir-Rabat

32.10.02 Is-Sa Janice Busutti semmiet il-proposta biex tinbena rampa biex ċertu Mark Costa jkun jista' jinżel minn daru għal-Triq Doni u jiffranka li jitla' tliet tarġiet. Is-Sindku, s-Sur Sandro Craus qal li din tinħtieġ diżin għaliex se taffettwa l-alignment tat-triq u jiġi approvat mill-awtoritajiet.

Rampa fi Triq Doni

32.10.03 Kienu riveduti r-responsabbilitajiet tal-Kunsillieri u s-Sindku, s-Sur Sandro Craus ta rendikont ta' kif dawn inbidlu xi ftit wara li ħalliena l-kollega s-Sur Nazju Cassar u issa imtela' s-siġġu mis-Sa Janice Busuttil.

Dekasteri

Sur Alexander Craus - Proġetti Infrastrutturali, Ambjent u Restawr
Sur Matthew Chetcuti - Immaniġġjar tat-Traffiku (applikazzjonijiet u sinjali tat-traffiku, Inklużjoni (Inclusion Hub) u Proġetti Soċjali u NGOs
Sa Charmaine Balzan – Edukazzjoni, Sports u Attivitajiet – tfal u żgħażagħ u Women Empowerment
Sa Graziella Brincat - Anzjani, Day Centre, Ħarġiet u Attivitajiet.
Sur Paul Grech – L-outskirts, Il-Baħrija, L-Andrijiet, Il-Kunċizzjoni, L-Imtaħleb, Wied il-Bużbież, L-Għemieri, Tas-Sirena, Id-Dwejra, Ħsarat tal-lampi tat-toroq li jaqgħu taħt ir-responsabbilità tal-Kunsill u l-Korporazzjoni Enemalta, Soft Areas u Ġonna, Ġbir ta' Skart u l-Indafa.
Sur Rudolph Grima - Il-Kultura, il-Ġemellaġġi u n-Negozji, L-iskedar mill-Awtorità tal-Ippjanar u t-Turiżmu u Tal-Virtu'
Sur Norbert Grech - Il-Programmi u l-applikazzjonijiet tal-Fondi Ewropej, Il-Web Site tal-Kunsill, Il-magażin u l-pubblikazzjonijiet tal-Kunsill u Ġnien il-Barnuża l-Ħamra (Baħrija) , il-ġonna, u ħsarat ta' bozoz mal-Enemalta

Sur Terrence Sant - Il-Manutenzjoni in ġenerali, il-Ħarsien tal-Annimali, is-Sigurtà tal-ġonna, pjazez u z-zoni importanti
Sa Janice Busuttil - It-Teknoloġija u s-Social Media, Website u Magazine tal-Kunsill

32.10.04 Is-Sur Norbert Grech tkellem fuq toqba fuq bankina fi Triq Manuel Stivala. Din it-triq minkejja li se jinbidlulha l-bankini, jinħtieġ li ssirilha manutenzjoni. Manutenzjoni fuq bankina

32.10.05 Is-Sur Norbert Grech indika post fejn l-istazzjoni tal-Go plc, viċin iz-Zoo, fl-Imtaħleb fejn qed jintrema' ħafna skart. Hawn is-Sur Sandro Craus qal li jinħtieġ nagħmlu camera taħdem bir-raġġi solari biex naqtgħu dan l-abbuż f'din iz-zona partikulari. Rubish fl-Imtaħleb

32.10.06 Inġibdet l-attenzjoni li fi Triq in-Narċiż hemm bozza tteptep. Se niċċekkjaw jekk din hux irrappurtata. Lampa tat-toroq

32.10.07 Is-Sur Rudolph Grima qal li ċemplulu minn Tarquinia dwar il-Youth Exchange. Din l-applikazzjoni għadha ma ħarġitx biex nottjenu fondi Ewropej. Madankollu l-Kunsill Lokali tar-Rabat se jidħol għal dan l-impenn. Youth Exchange

32.10.08 Is-Sur Rudolph Grima insista biex il-paġna ta' facebook tal-Kunsill tkun aktar aċċessibbli lejn in-nies. Hu qal illi kien imissu deher xi ħaġa fiha biex ninfurmaw lin-nies li s-Sa Janice Busuttil issa ħadet il-post tas-Sur Nazju Cassar, u li hu issa ġie awtomatikament il-Minority Leader. Hu qal li kien ukoll diżappuntat b'Jum ir-Rabat għaliex jidher li saret xi intervista lill-kunsillieri tal-PL u ma kien hemm ħadd tal-PN. Dak il-ħin tkellmet Charmaine Balzan fejn qalet li l-kredtu imissu ħadu min organizza l-attività filwaqt li hu, is-Sur Rudolph Grima tkellem waħdu għal xi 10minuti waqt is-serata Ġieħ ir-Rabat u ma messux jilmenta fuq hekk**.** Is-Sindku qal li barra li ta l-intervista hu tkellem ukoll mal-Viċi Sindku Matthew Chetcuti u qal li għas-sena d-dieħla ma jsibx oġġezzjoni li s-Sur Grima jkun intervistat. Barra minn hekk is-Sur Craus qal li meta ttieħdu dawn l-intervisti s-Sur Grima kien telaq minn fuq il-post tal-attivita minħabba li kellu impenn familjari. Facebook

Ġieħ ir-Rabat

32.11 **Appuntament għas-seduta li jmiss** Aġġornament
Il-laqgħa spiċċat fit-8.29pm u dik li jmiss se ssir nhar is-7 ta' Novembru, 2026 fil-5.30pm.

(IFFIRMATA) **(IFFIRMATA)**

Meħuda minn Anthony Bonello u approvati llum 11 ta’ Novembru, 2026 minn Sandro Craus

Segretarju Ezekuttiv Sindku